# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 MINUTA**

**Karta ta' l-Għalliema**
**Gwida għat-tmexxija ta' l-eżami tal-Fehim mis-Smigħ**
**Riżorsi:**

1. Test li jinqara
2. Karta tal-mistoqsijiet
3. Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• ser tinqralhom l-istorja ***"Inċident Qrib l-Iskola"***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija | **(5 minuti)** |
| **5.** | • ser jinqralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |

# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA　MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)　ĦIN: 20 MINUTA**

## INĊIDENT QRIB L-ISKOLA

***L-ewwel parti***

1. Jumejn qabel il-Milied jien u oħti t-tewmija Claire konna sejrin għall-festin li nagħmlu l-iskola. L-iskola tagħna mhux bogħod wisq mid-dar u għalhekk fi ftit ħin wasalna ħdejn il-bieb ta' l-iskola fi Triq l-Iskola.

2. Dak in-nhar kien jum speċjali u kulħadd kien eċċitat. Kien se jkollna xi attivitajiet tal-Milied fosthom reċta, għanjiet tal-Milied u festin.

3. Waqt li konna qed nistennew li jiftħu l-bieb ta' l-iskola, smajna ħoss kbir. Ħadna qatgħa kbira u għall-ewwel ħadd ma kien jaf x'ġara. Wieħed miż-żewġ pulizija li kienu għassa ħdejn l-iskola deher imur jiġri għal wara l-kantuniera. Xi tfal u ommijiet marru warajh biex jaraw x'ġara.

***It-tieni parti***

4. F'kemm trodd salib, ġriet l-aħbar li sewwieq ta' karozza żgħira kien tah attakk tal-qalb u baqa' dieħel ġo ħanut tal-ħwejjeġ.

5. Aħna kieku wkoll kellna l-kurżità biex naraw x'ġara, imma billi l-Kap ta' l-iskola ċemplet il-qanpiena biex nidħlu fl-iskola, ma stajniex immorru naraw x'ġara. Waqt li bdejna ngħidu t-talba, smajna s-sirena ta' l-ambulanza. Il-Kap ta' l-iskola qaltilna biex nitolbu għas-sewwieq li kellu l-inċident.

6. Matul dak il-jum kellna seba' mitt sena biex inkunu nafu kif għadda dak is-sewwieq. Dakinhar filgħaxija waqt l-aħbarijiet fuq it-televixin rajna l-inċident li kien sar qrib l-iskola. Tgħidx kemm fraħna meta smajna li s-sewwieq, li għall-ewwel kien fil-periklu tal-mewt, għadda għall-aħjar u kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid.

7. Tlett ijiem wara l-inċident, is-sewwieq ħareġ mill-isptar. L-ewwel kliem li qal lill-ġurnalisti kien li xtaq li jirringrazzja lil kull min għenu u talab għalih. Qal ukoll li mhux se jibqa' jpejjep, għax kien tort tas-sigaretti li jpejjep li ġralu hekk u li s-sigaretti mhux tajbin għas-saħħa.

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

1. Kienet ġejja l-festa
   - ta’ l-Imnarja.
   - ta’ l-Għid.
   - tal-Milied.
   - tar-raħal.

2. Il-bieb ewlieni ta’ l-iskola kien fi
   - Triq il-Kitba.
   - Triq it-Tagħlim.
   - Triq l-Iskola.
   - Triq l-Edukazzjoni.

3. Dakinhar it-tfal kienu eċċitati għax
   - kien se jkollhom xi attivitajiet tal-Milied.
   - kienu se jsiefru.
   - kienu sejrin jgħumu.
   - kienu ħerġin ma’ ta’ l-iskola.

4. Pulizija fejn l-iskola kien hemm
   - wieħed biss.
   - tnejn.
   - tlieta.
   - erbgħa.

***It-tieni parti***

5. Is-sewwieq kien qiegħed isuq
   - mutur.
   - karozza.
   - ambulanza.
   - trakk.

6. Il-karozza baqgħet dieħla ġo
   - ħanut tal-ħwejjeġ.
   - garaxx.
   - ħajt ta’ għalqa.
   - karozza żgħira.

7. Is-sewwieq tal-karozza kien
   - xurban.
   - raqad fuq l-istering.
   - tah attakk tal-qalb.
   - qed jitkellem bil-mowbajl.

8. Waqt it-talba, it-tfal semgħu
- d-diska.
- s-sirena.
- t-talba.
- l-ħabta.

9. It-tfal raw l-inċident fl-aħbarijiet ta'
- filgħodu.
- filgħaxija.
- billejl.
- nofsinhar.

**Aqta' sing taħt it-tifsira t-tajba.**

10. ***"F'kemm trodd salib"*** tfisser
- raddu s-salib.
- malajr.
- talbu.
- ħafna ħin wara.

11. ***"Kellna seba' mitt sena biex inkunu nafu"*** tfisser li
- xtaqna li nkunu nafu malajr.
- ma xtaqniex inkunu nafu.
- kellna naqra kurżità.
- kellna seba' mitt sena bejnietna.

12. ***"Kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid"*** tfisser li
- kollox spiċċa tajjeb.
- kollox spiċċa ħażin.
- kien sinjur kbir.
- kellu ħafna flus.

# EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta’ l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

**IR-RABA’ SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 MINUTA**

**Isem u Kunjom:** ______________________________________

**Klassi:** __________________________

| |
|---|
| Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.<br>Oqgħod attent/a l-ħin kollu.<br>Ara li tkun weġibt sewwa. |

Marki: 1 – 9 (marka kull waħda)
10 – 12 (2 marki kull waħda)

**Total: 15-il marka**

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Kienet ġejja l-festa | ta’ l-Imnarja.<br>ta’ l-Għid.<br>tal-Milied.<br>tar-raħal. |
| 2. | Il-bieb ewlieni ta’ l-iskola kien fi | Triq il-Kitba.<br>Triq it-Tagħlim.<br>Triq l-Iskola.<br>Triq l-Edukazzjoni. |
| 3. | Dakinhar it-tfal kienu eċċitati għax | kien se jkollhom xi attivitajiet tal-Milied.<br>kienu se jsiefru.<br>kienu sejrin jgħumu.<br>kienu ħerġin ma’ ta’ l-iskola. |
| 4. | Pulizija fejn l-iskola kien hemm | wieħed biss.<br>tnejn.<br>tlieta.<br>erbgħa. |

***It-tieni parti***

| | | |
|---|---|---|
| 5. | Is-sewwieq kien qiegħed isuq | mutur.<br>karozza.<br>ambulanza.<br>trakk. |
| 6. | Il-karozza baqgħet dieħla ġo | ħanut tal-ħwejjeġ.<br>garaxx.<br>ħajt ta’ għalqa.<br>karozza żgħira. |
| 7. | Is-sewwieq tal-karozza kien | xurban.<br>raqad fuq l-istering.<br>tah attakk tal-qalb.<br>qed jitkellem bil-mowbajl. |

8. Waqt it-talba, it-tfal semgħu
   - d-diska.
   - s-sirena.
   - t-talba.
   - l-ħabta.

9. It-tfal raw l-inċident fl-aħbarijiet ta'
   - filgħodu.
   - filgħaxija.
   - billejl.
   - nofsinhar.

**Aqta' sing taħt it-tifsira t-tajba.**

10. ***"F'kemm trodd salib"*** tfisser
    - raddu s-salib.
    - malajr.
    - talbu.
    - ħafna ħin wara.

11. ***"Kellna seba' mitt sena biex inkunu nafu"*** tfisser li
    - xtaqna li nkunu nafu malajr.
    - ma xtaqniex inkunu nafu.
    - kellna naqra kurżità.
    - kellna seba' mitt sena bejnietna.

12. ***"Kollox spiċċa b'wiċċ il-ġid"*** tfisser li
    - kollox spiċċa tajjeb.
    - kollox spiċċa ħażin.
    - kien sinjur kbir.
    - kellu ħafna flus.

# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IR-RABA' SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

Isem ________________________________

Klassi ________________________________

TOTAL TAL-MARKI ☐

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



*Aqra sew din is-silta.*

## *Il-Pirata*



Isejħuli "Pirata". Dan huwa ismi. Tawni dan l-isem meta kont għadni ġeru dakinhar li firduni minn ommi. Konna sitt ġriewi b'kollox u x'sar minn ħuti ma nafx. Razza komuni. Tawni dan l-isem żewġ aħwa, tifel u tifla jisimhom Dino u Doris. *(par.1)*

Għandi pil lixx kollu bajdani mħallat bl-iswed. Fuq għajni x-xellugija għandi tebgħa sewda. Għalhekk jien "Pirata". Naħseb li dawk iż-żewġt itfal kienu jaqraw stejjer dwar xwieni, baħrin, ġlied fuq il-baħar u pirati. *(par.2)*

Meta kont żgħir kienu jiggustawni u jiena kont nieħu gost nitfissed. L-ikel tajjeb ma kienx jonqos u dejjem żammewni nadif. Ma kellix minn xiex ingorr. Imma malajr bdejt nikber u donnhom ma bdewx iħobbuni bħal qabel. *(par.3)*

Jum fost l-oħrajn, meta għalaqt sena, rikkbuni fil-karozza ta' missierhom. Domna sejrin sa ma wasalna f'post imwarrab u 'l bogħod mid-dar. Niżżluni u ħsibt li konna ser nilagħbu. Imma kelli żball għax ħarbu bil-karozza u sibt ruħi abbandunat. Ħassejtni tassew qalbi sewda. *(par.4)*

Minn dakinhar tassew li sirt pirata. Biex ngħix irrid indur 'l hawn u 'l hinn ħalli nisraq xi ħaġa biex ma mmutx bil-ġuħ u bil-għatx. Kultant indur mal-ħanut tal-laħam u xi drabi mal-bejjiegħ tal-ħut. Imma d-dwejjaq tiegħi jikbru meta ma nsibx x'niekol u jkolli nqalleb fil-boroż taż-żibel. *(par.5)*

Illum ma nafx inħobb. Lill-bnedmin naħrabhom. Lill-klieb l-oħra jkolli niġġildilhom, għax l-ikel huwa skars. Mhux ċajta tkun bil-ġuħ u bla dar, tiġġerra fis-sħana tax-xemx jew fil-kesħa. Din hi l-ħajja ta' kelb pirata! *(par.6)*

*A. Issa aqra, ifhem u wieġeb b'**sentenzi sħaħ**.*
*Tagħmilx żbalji fil-kitba.* ***(13-il marka)***

1. X'jismu l-kelb?

______________________________ (1)

2. Min tah dan l-isem? ______________________________

______________________________(1)

3. Għaliex semmewh hekk? ______________________________

______________________________ (1)

4. Taħseb li jixraqlu dan l-isem? Għaliex? ______________________________

______________________________ (1)

5. Ta' liema razza hu dan il-kelb? ______________________________

______________________________ (1)

6. Iddeskrivi l-kelb. ______________________________

______________________________ (1)

7. X'ġara malli l-kelb għalaq sena? ______________________________

______________________________ (1)

8. Għaliex dan il-kelb spiċċa jisraq? ______________________________

______________________________ (1)

9. Mis-silta sib **kelma** jew **espressjoni** li jfissru dawn:

(a) kelb żgħir *(par.1)* ______________________________ (1)

(b) il-maqlub ta' **leminija** *(par.2 )*______________________________ (1)

(ċ) il-papà tagħhom *(par.4 )* ______________________________ (1)

(d) imdejjaq ħafna *(par.4)* ______________________________ (1)

10. Kif taħseb li tista' tgħin li kieku kellek issib kelb bħal dan fit-triq?

______________________________

______________________________ (1)

B. ***Immarka b'salib** ħdejn kull sentenza taħt Veru jew Falz.* **(8 marki)**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | B'kollox kienu tliet ġriewi. *(par. 1)* | | X |
| 2. | Il-kelb kien ta' razza komuni. *(par. 1)* | | |
| 3. | It-tfal fl-istorja kien jisimhom Dino u Doris. *(par. 1)* | | |
| 4. | Il-kelb kellu tebgħa sewda fuq għajnu l-leminija. *(par. 2)* | | |
| 5. | It-tfal ma baqgħux iħobbuh malli għalaq sena. *(par. 3)* | | |
| 6. | Il-kelb ħassu ferħan ħafna meta abbandunawh. *(par. 4)* | | |
| 7. | Ikel kien isib kemm irid. *(par. 5)* | | |
| 8. | Lill-bnedmin m'għadux jafdahom. *(par. 6)* | | |
| 9. | Illum joqgħod f'dar komda u ma jonqsu xejn. *(par. 6)* | | |

*Ċ. Aqta' sing taħt il-kelma li ma taqbilx ma' l-oħrajn.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(7 marki)***

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | abjad | <u>tuffieħa</u> | aħdar | aħmar | isfar |
| 2. | tifla | Dino | Doris | Sandra | Karl |
| 3. | Birgu | sptar | knisja | skola | klinika |
| 4. | riga | lapes | kompjuter | gomma | tiġieġa |
| 5. | pustier | ħajjat | triq | għalliem | skrivan |
| 6. | Frar | April | Il-Ħadd | Mejju | Diċembru |
| 7. | serqa | ħataf | rabat | kiteb | resaq |
| 8. | baqra | mogħża | ġeru | nagħġa | debba |

*D. Ħares lejn l-għerq fil-parentesi.*
*Oħroġ il-**mamma** minnu u iktbu fil-vojt.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(5 marki)***

1. Ħalliel **<u>seraq</u> (s – r - q)** xi flus mill-Bank.
2. Wara li ħa l-flus, hu ________________ **(r – k – b)** karozza u ________________ **(ħ – r – b)** bihom.
3. Fit-triq ______________ **(t – l – f)** il-kontroll tal-karozza u ________________ **(d – ħ – l)** f'siġra.
4. Hu _________________ **(ħ – r – ġ)** mill-karozza kif seta'.
5. B'xorti tajba l-pulizija qabduh ftit wara.



*E. Daħħal **l-artiklu** kif meħtieġ.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(10 marki)***



Illum għandna ħafna mezzi ta' komunikazzjoni fosthom **<u>l-</u>**Internet, ______e-mail, ______televixin, ______radju, ______kotba, ______ittri, ______mowbajl u ______telefown.



Dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni qegħdin iressqu ______ nies aktar lejn xulxin.
Żgur li ______ progress li sar fit-Teknoloġija ta' ______Informatika qed jgħinna nikkomunikaw bejnietna f'ħin tassew qasir.



*F. Imla l-vojt bl-isem nieqes ta' l-annimal.*
*L-ewwel waħda lesta.* **(6 marki)**

Xahar ilu, morna l-Għammieri fejn rajna ħafna annimali u tgħallimna ħafna fuqhom. Meta wasalna lura l-iskola, aħna mlejna din it-tabella fuqhom:

| **Maskil** | **Femminil** |
|---|---|
| serduk | tiġieġa |
| fenek | |
| żiemel | |
| ħmar | |
| | papra |
| | nagħġa |
| | mogħża |



*Ġ. Ikteb kliem flok numri.*
*L-ewwel waħda lesta.* **(8 marki)**

1. Bħalissa l-**(10) għaxra** ta' filgħodu.
2. Jekk tgħodd **(6)** ___________________ u **(7)** ___________________ flimkien, ikollok **(13)** ___________________ .
3. L-isptar hemm **(90)** ___________________ sodda, **(20)** ______________ minnhom vojta.
4. Tal-linja bin-numru **(18)** ___________________ twasslek Ħaż-Żabbar.
5. Oħti ġiet l-**(1)** ___________________ waħda fl-eżami tal-pjanu.
6. Sqallija tinsab xi **(60)** ___________________ kilometru 'l bogħod minn Malta.

*G. Imla l-vojt b'xi partiċella.*

*L-ewwel waħda lesta.* **(8 marki)**

Kemm hi ħaġa sewwa li nħobbu **lill-**ġenituri tagħna.

Ġie lura __________ Italja wara sentejn.

Rajt film __________ daħk.

Morna l-Belt __________ xarabank u mhux __________ karozza tagħna.

Dun Mikiel Xerri u sħabu għamlu ġieħ __________ Malta u __________ Maltin.

Xtrajt logħba __________ kompjuter __________ tiegħek.

*GĦ. Ikteb paragrafu ta' mhux inqas minn GĦAXAR SENTENZI*

*dwar **wieħed** minn dawn:* **(20 marka)**



**1. Jien**

*Ikteb dwarek innifsek bħal x'jismek, kemm għandek żmien, fejn tmur skola, il-passatempi tiegħek, fejn toqgħod.*





**2. Kieku kelli nsiefer**

*Għid f'liema pajjiż tixtieq issiefer u għaliex tixtieq tmur hemm.*





**3. Il-ħbieb tiegħi**

*Għid min huma l-ħbieb tiegħek u kif tqatta' l-ħin magħhom.*



**4. Il-kelb tiegħi**

*Għid x'tip ta' kelb hu, kif ġie għandek u kif tqatta' l-ħin miegħu.*

**5. Is-serqa**

*Uża l-istampi t'hawn taħt biex tikteb storja.*



*Tmiem il-Karta*